IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2013
COM(2013) 233 final

2013/0121 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fis-swieq finanzjarji kienet qed issir pressjoni dejjem akbar fuq Ċipru, quddiem l-isfond ta' tħassib dejjem jiżdied dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tiegħu, inkluż is-settur finanzjarju tiegħu li ddgħajjef u dwar il-kobor tal-miżuri potenzjali ta' appoġġ pubbliku. Għalkemm xi wħud mill-iżbilanċi tfaċċaw għax il-pajjiż ittieħed minn effetti negattivi li ġew minħabba l-kriżi taż-żona tal-euro u l-iżviluppi fil-Greċja, oħrajn kellhom oriġini domestika u li kienu ilhom hemm. Fost tnaqqis konsekuttiv fil-klassifikazzjoni mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-bonds sovrani Ċiprijotti, il-pajjiż ma baqax f'pożizzjoni li jiffinanzja lilu nnifsu għat-tul b'rati kompatibbli ma' sostenibbiltà għat-tul. Fl-istess waqt, is-settur bankarju kien qed jinqata' dejjem aktar mill-finanzjament tas-swieq internazzjonali u diversi istituzzjonijiet finanzjarji kbar irreġistraw telf kapitali sostanzjali. Is-sitwazzjoni fis-settur bankarju marret għall-agħar b'mod drammatiku kmieni fl-2013, minħabba tnaqqis fil-fiduċja li wassal għal esodu ta' depożiti kontinwu u sostanzjali. F'Marzu 2013, il-Grupp tal-euro laħaq ftehim politiku dwar l-elementi ewlenin ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru b'pakkett finanzjarju li jista' jlaħħaq sa EUR 10 biljun. Wara taqlib finanzjarju, ġiet imposta btala bankarja ta' għaxart (10) ijiem, li matulha s-settur iċċekken b'mod sostanzjali permezz tar-riżoluzzjoni u r-ristrutturar tal-banek u l-qtugħ tal-banek Ċiprijotti mill-operazzjoni tagħhom fil-Greċja.

Fl-isfond ta' dawn id-disturbi ekonomiċi u finanzjarji qawwija, l-awtoritajiet Ċiprijotti talbu uffiċjalment assistenza finanzjarja fil-forma ta' self mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja/il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà fil-25 ta' Ġunju 2012, kif ukoll mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), bil-għan li tingħata għajnuna biex l-ekonomija terġa' lura għat-triq li twassal għal tkabbir sostenibbli, biex b'hekk tiġi żgurata sistema bankarja li tiffunzjona sewwa u li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni Ewropea u fiż-żona tal-euro. Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Grupp tal-euro stieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), lill-awtoritajiet Ċiprijotti, u lill-FMI biex jaqblu dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku, inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament, u biex jieħdu azzjoni xierqa sabiex titħares l-istabbiltà finanzjarja. Fis-16 ta' Marzu u l-25 ta' Marzu 2013, il-Grupp tal-euro laħaq ftehim politiku mal-awtoritajiet Ċiprijotti dwar l-elementi ewlenin ta' programm, li kien jinkludi r-ristrutturar u t-tiċkin sostanzjali tas-settur bankarju u t-tisħiħ tal-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali, riformi strutturali u privatizzazzjoni. Parti importanti tal-ftehim kienet li r-rikapitalizzazzjoni tal-banek tkun iġġenerata kważi esklussivament mill-banek infushom (jiġifieri mill-azzjonisti u l-kredituri). Id-depożiti sa EUR 100,000 ma kellhomx jintmessu. Il-kredituri ma kellhomx isofru telf superjuri għat-telf li kienu jġarrbu, kieku l-banek kellhom jiġu stralċjati skont proċeduri normali ta' insolvenza. Fit-2 ta' April 2013, intlaħaq ftehim fuq livell tekniku rigward pakkett ta' politika komprensiv biex jiġi implimentat fi ħdan programm ta' aġġustament makroekonomiku ta' tliet (3) snin; l-objettivi, il-miżuri u r-riżultati ewlenin kienu stabbiliti f'abbozz ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika ta' Ċipru.

Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu l-għan li terġa tinkiseb il-fiduċja tas-suq finanzjarju, jiġu ristabbiliti bilanċi makroekonomiċi sodi u li l-ekonomija tkun tista' terġa' lura għal tkabbir sostenibbli. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-programm huwa msejjes fuq tliet pilastri. L-ewwel pilastru huwa strateġija għas-settur finanzjarju bbażata fuq ir-ristrutturar u t-tiċkin tal-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u t-tisħiħ tas-sorveljanza tiegħu, bi sforzi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fil-kapital u l-likwidità. It-tieni pilastru huwa strateġija ambizzjuża ta' konsolidazzjoni fiskali, imsejsa fuq l-isforzi ta' konsolidazzjoni mibdija fl-2012, b'mod partikolari permezz ta' miżuri mmirati biex jitnaqqas l-infiq primarju attwali, jsaħħaħ id-dħul tal-gvern, jitjieb il-funzjonament tas-settur pubbliku u tinżamm konsolidazzjoni fiskali fuq medda medja ta' żmien. L-għan huwa li jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv tal-gvern ġenerali u li

l-proporzjon ta’ dejn pubbliku gross mal-PDG jaqbad xejra 'l isfel fuq perjodu ta’ żmien medju. L-awtoritajiet huma impenjati li jniżżlu d-deficit għal taħt it-3% tal-PDG kemm jista’ jkun malajr. Għandha titkompla l-implimentazzjoni tajba ta’ Fondi Strutturali u Fondi oħra tal-UE, kif ukoll tal-inizjattivi ta' politika tal-UE mmirati lejn żieda fl-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku. Dan ikun ta' kontribut biex Ċipru jitqiegħed fuq it-triq ta' tkabbir għat-tul. It-tielet pilastru jikkonsisti minn aġenda ambizzjuża ta’ riformi strutturali, bil-għan li jingħata sostenn lill-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat, b’konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lejn Ċipru fl-2012, u li tippermetti li jinħallu l-iżbilanċi makroekonomiċi. Filwaqt li jfakkru l-ftehim politiku tat-28 ta’ Frar 2013 fuq Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi garanzija għaż-żgħażagħ, għandhom jinżammu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg.

Il-programm ikopri l-perjodu 2013-2016.

2013/0121 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 136(1), flimkien mal-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bil-ħsieb li jiġi żgurat it-tħaddim kif xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 126(6) tat-TFUE li jgħid li f'Ċipru kien jeżisti defiċit eċċessiv[1] u ħareġ rakkomandazzjoni lil Ċipru skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE bil-ħsieb li tinġieb fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern u ddikjara li "l-awtoritajiet ta' Ċipru għandhom iġibu fi tmiemha l-qagħda attwali ta' żbilanċ eċċessiv mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2012".

(3) Fir-Rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2012 ta' Ċipru u f'opinjoni dwar il-Programm ta' Stabbiltà għal Ċipru, 2012-2015[2], il-Kunsill irrakkomanda, fost affarijiet oħra, li Ċipru jieħdu azzjoni biex tinkiseb korrezzjoni fit-tul tad-defiċit eċċessiv fl-2012, jiżgura li jsir biżżejjed progress fir-rigward tal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn, jissaħħu d-dispożizzjonijiet regolatorji għar-rikapitalizzazzjoni effiċjenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji u li titjieb il-kompetittività.

(4) Fis-swieq finanzjarji kienet qed issir pressjoni dejjem akbar fuq Ċipru, quddiem l-isfond ta' tħassib dejjem jiżdied dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tiegħu, inkluż dwar il-miżuri li jkunu meħtieġa mis-settur pubbliku bħala sostenn għas-settur finanzjarju li jinsab għaddej minn problemi. Għalkemm xi wħud mill-iżbilanċi tfaċċaw għax il-pajjiż ittieħed minn effetti negattivi li ġew minħabba l-kriżi taż-żona tal-euro u l-iżviluppi fil-Greċja, oħrajn kellhom oriġini domestika u li kienu ilhom hemm.[3] Fost tnaqqis konsekuttiv fil-klassifikazzjoni mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-bonds sovrani Ċiprijotti, il-pajjiż ma baqax f'pożizzjoni li jiffinanzja lilu nnifsu mill-ġdid b'rati kompatibbli ma' sostenibbiltà fiskali għat-tul. Fl-istess waqt, is-settur bankarju kien qed jinqata' dejjem aktar mill-finanzjament tas-swieq internazzjonali u diversi istituzzjonijiet finanzjarji kbar irreġistraw telf kapitali sostanzjali.

---

[1] ĠU L 186, 20.7.2012, p. 30.

[2] ĠU C 219, 24.7.2012, p. 13.

[3] Kif speċifikat fl-analiżi dettaljata dwar Ċipru tal-2012 u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2012 indirizzati lil Ċipru taħt is-Semestru Ewropew.

(5) Fl-isfond ta’ dawn il-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji severi, l-awtoritajiet Ċiprijotti talbu uffiċjalment assistenza finanzjarja fil-forma ta’ self mill-Faċilità Ewropea ta’ Stabbiltà Finanzjarja/il-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà fil-25 ta’ Ġunju 2012, kif ukoll mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), bil-għan li tingħata għajnuna biex l-ekonomija terġa’ lura għat-triq li twassal għal tkabbir sostenibbli, biex b'hekk tiġi żgurata sistema bankarja li tiffunzjona sewwa u li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni Ewropea u fiż-żona tal-euro. Fis-27 ta’ Ġunju 2012, il-Grupp tal-euro stieden lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-BĊE, mal-awtoritajiet Ċiprijotti, u mal-FMI biex jaqblu dwar programm ta’ aġġustament makroekonomiku, inklużi l-ħtiġijiet ta’ finanzjament, u li tittieħed l-azzjoni xierqa għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja attwali fl-ambjent diffiċli ħafna b’riskju ta’ effetti li jinxterdu minħabba taqlib fis-suq sovran. Fis-16 ta’ Marzu u l-25 ta’ Marzu 2013, il-Grupp tal-euro laħaq ftehim politiku mal-awtoritajiet Ċiprijotti fuq il-pedamenti ta’ programm. Is-settur bankarju kellu jiġu ristrutturat u mċekken u kellhom jitqawwew l-isforzi fuq il-konsolidazzjoni fiskali, ir-riformi strutturali u l-privatizzazzjoni. Ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek kellha tiġi ġġenerata kważi esklussivament minn ħdan il-banek (jiġifieri mill-azzjonist u d-depożitanti).

(6) Fiċ-ċirkostanzi preżenti, Ċipru għandu jadotta pakkett komprensiv ta’ politika biex jiġi implimentat fi ħdan programm ta’ aġġustament makroekonomiku ta' tliet (3) snin, fuq perjodu minn 2013-Q2 sa 2016-Q1.

(7) Il-pakkett ta' politika għandu jkollu l-għan li terġa tinkiseb il-fiduċja tas-suq finanzjarju, jiġu ristabbiliti bilanċi makroekonomiċi sodi u li jippermetti li l-ekonomija tkun tista' terġa’ lura għal tkabbir sostenibbli. Għandu jkun strutturat fuq tliet pilastri. L-ewwel pilastru għandu jkun strateġija għas-settur finanzjarju bbażata fuq ir-ristrutturar u t-tiċkin tal-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u t-tisħiħ tas-sorveljanza tas-settur, bi sforzi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fil-kapital u l-likwidità. It-tieni pilastru għandu jkun strateġija ambizzjuża ta' konsolidament fiskali li tinbeda b'saħħa, b'mod partikolari permezz ta’ miżuri mmirati biex jitnaqqas l-infiq primarju attwali, jsaħħaħ id-dħul tal-gvern, jitjieb it-tħaddim tas-settur pubbliku u tinżamm il-konsolidazzjoni fiskali fuq il-medda medja ta’ żmien, filwaqt li jiġi mminimizzat l-impatt fuq persuni żvantaġġjati u tinżamm l-implimentazzjoni tajba ta’ fondi strutturali u fondi oħra tal-UE. It-tielet pilastru għandu jikkonsisti minn aġenda ambizzjuża ta’ riformi strutturali, bil-għan li tiġi sostnuta l-kompetittività u tkabbir sostenibbli u bbilanċjat, li jippermettu t-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi, b’mod partikolari billi tiġi riformata s-sistema tal-indiċizzar tal-pagi, f’konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, u t-tneħħija ta’ ostakli għall-funzjonament mingħajr intoppi tas-swieq. Filwaqt li jfakkru l-ftehim politiku tat-28 ta’ Frar 2013 fuq Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi garanzija għaż-żgħażagħ, għandhom jinżammu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg.

(8) Skont tbassir aġġornat tal-Kummissjoni għat-tkabbir nominali tal-PDG (-0.5 % fl-2012, -8.2 % fl-2013, -2.9 % fl-2014, 2.6 % fl-2015 u 3.7 % fl-2016), il-proporzjon tad-dejn għall-PGD se jammonta għal 87 % fl-2012, 109 % fl-2013, 123 % fl-2014, 126 % fl-2015 u 122 % fl-2016. Għaldaqstant, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied malajr sal-2015 u jaqbad xejra 'l isfel wara dan, u jinżel għal madwar 105 % fl-2020. Id-dinamiċi tad-dejn huma affettwati minn diversi operazzjonijiet esklużi mit-total tal-kont. Skont tbassir aġġornat tal-Kummissjoni għat-tkabbir nominali tal-PDG, l-ewwel Bilanċ ġenerali tal-gvern hu mbassar li jilħaq defiċit ta’ EUR 395 miljun (2.4 % tal-PDG) fl-2013, defiċit ta’ EUR 678 miljun (4.3 % tal-PGD) fl-2014, defiċit

ta’ EUR 344 miljun (2.1 % tal-PGD) fl-2015 u bilanċ pożittiv ta’ EUR 204 miljun (1.2 % tal-PGD) fl-2016.

(9) Fattur kritiku għar-restawrazzjoni tal-istabbilità finanzjarja f'Ċipru huwa li titqawwa r-reżiljenza tas-settur bankarju Ċiprijott u - minħabba r-rabtiet qawwija — li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro bħala entità sħiħa. Bħalissa qed isir tiċkin u ristrutturar sostanzjali tas-settur bankarju Ċiprijott. Il-Kamra tar-Rappreżentanti adottat leġiżlazzjoni li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu. Bl-użu ta’ dan il-qafas il-ġdid, is-settur bankarju Ċiprijott iċċekken b'mod immedjat u b'mod sinifikanti. Għall-preżervazzjoni tal-likwidità fis-settur bankarju Ċiprijott, ġew imposti miżuri amministrattivi temporanji.

(10) L-implimentazzjoni ta’ riformi komprensiv u ambizzjużi f’oqsma finanzjarji, fiskali u strutturali għandha tissalvagwradaw s-sostenibbiltà, fuq perjodu ta' żmien medju, tad-dejn pubbliku Ċiprijott.

(11) Il-Kummissjoni Ewropea, b’kooperazzjoni mal-BĊE, u jekk relevanti, il-FMI għandha tivverifika f’intervalli regolari l-implimentazzjoni rigoruża tal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku permezz ta’ missjonijiet u rappurtar regolari mill-awtoritajiet Ċiprijotti, fuq bażi ta’ kull tliet xhur.

(12) Matul l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' politika, il-Kummissjoni għandha tipprovdi konsulenza politika addizzjonali kif ukoll assistenza teknika f’oqsma speċifiċi.

(13) L-awtoritajiet Ċiprijotti għandhom jinvolvu, skont ir-regoli u l-prattika nazzjonali attwali, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm ta’ assistenza finanzjarja.

(14) Kwalunkwe forma ta’ assistenza finanzjarja riċevuta sabiex tgħin l-implimentazzjoni tal-politiki taħt programm ta’ aġġustament makroekonomiku trid tkun konformi ma’ rekwiżiti legali u politiki tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari mal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-Unjoni. Interventi ta' appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji iridu jitwettqu skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni se tiżgura li kwalunkwe miżura stipulati f’Memorandum ta’ Ftehim fil-kuntest ta’ assistenza finanzjarja mitluba tal-MES hija kompletament konsistenti ma’ din id-deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1 Sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn tal-ekonomija Ċiprijotta lejn it-triq ta' tkabbir sostenibbli u ta' sostenibbilta fiskali u finanzjarja, Ċipru jimplimenta b’mod rigoruż programm ta’ aġġustament makroekonomiku, li l-elementi prinċipali tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 2 ta’ din id-Deċiżjoni. Il-programm ta’ aġġustament makroekonomiku (minn hawn ’il quddiem il-“programm”) jindirizza r-riskji speċifiċi li joriġinaw f'Ċipru għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro u jkollu l-għan li terġa’ tinkiseb malajr sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika soda u sostenibbli u tiġi restawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu bis-sħiħ fis-swieq finanzjarji. Il-programm iqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Ċipru skont l-Artikoli 121, 126, 136 u 148 tat-TFUE kif ukoll l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma magħhom, filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta’ politika meħtieġa.

2 Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-BĊE, u jekk relevanti, mal-FMI, tissorvelja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-programm. Ċipru jrid jikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni u mal-BĊE. B'mod partikolari jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-BĊE bl-informazzjoni kollha li jqis neċessarja għall-monitoraġġ tal-programm.

3 Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-BĊE u, fejn xieraq, mal-FMI, teżamina mal-awtoritajiet Ċiprijotti kwalunkwe tibdiliet u aġġornamenti għall-programm li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tqis kif xieraq, inter alia, kwalunkwe diskrepanza sinifikanti bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi u fiskali u ċ-ċifri reali (inkluż tal-qgħad), l-effetti negattivi mifruxa kif ukoll ħasdiet makroekonomiċi u finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-programm, u bħala għajnuna biex l-iżbilanċi jiġu kkoreġuti b'mod sostenibbli, il-Kummissjoni tipprovdi pariri u gwida kontinwi dwar ir-riformi fiskali, strutturali u tas-swieq finanzjarji. Il-Kummissjoni minn żmien għal żmien tivvaluta l-impatt ekonomiku tal-programm u tirrakkomanda l-korrezzjonijiet neċessarji bil-għan li jissaħħaħ it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, tinkiseb il-konsolidazzjoni fiskali meħtieġa, u jiġu minimizzati impatti soċjali li jġibu ħsara.

*Artikolu 2*

1 L-objettivi prinċipali tal-programm Ċiprijott huma: li tiġi restawrata l-pożizzjoni soda tas-settur bankarju Ċiprijott; li jitkompla l-proċess kontinwu ta' konsolidazzjoni fiskali; kif ukoll li jiġu implimentati riformi strutturali li jsostnu l-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat.

2 Ċipru jissokta b'konsolidazzjoni fiskali konsistenti mal-obbligi tiegħu skont il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv permezz ta' miżuri permanenti ta' kwalità għolja u bil-minimizzazzjoni tal-impatt fuq gruppi vulnerabbli.

3 Ċipru għandu jadotta l-miżuri speċifikati fil-paragrafi 4 sa 15.

4 Sabiex jitnaqqas id-defiċit għal inqas minn 3 % tal-PDG kemm jista' jkun malajr, Ċipru għandu jkun lest li jieħu miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni. B'mod speċifiku, f'każ ta' prestazzjoni inadegwata minn intrjoti jew minħabba bżonnijiet ta' nfiq soċjali ogħla minħabba effetti makroekonomiċi negattivi, il-gvern ikun lest li jieħu miżuri addizzjonali biex jippreserva l-objettivi tal-programm, inkluż permezz tat-tnaqqis fl-infiq diskrezzjonarju, filwaqt li jimminimizzaw l-impatt fuq persuni żvantaġġjati. Matul il-perjodu tal-programm, l-introjtu f'kontanti li jeċċedi l-previżjonijiet fil-programm, inkluż kwalunkwe qligħ mhux mistenni, irid jitfaddal jew jintuża biex jitnaqqas id-dejn. Jekk, minflok, ikun hemm prestazzjoni aħjar milli mistenni, sal-punt li din titqies permanenti, dan jista' jnaqqas il-ħtieġa ta' miżuri addizzjonali fis-snin ta' wara.

5 Ċipru jżomm mal-implimentazzjoni tajba ta' fondi strutturali u fondi oħra tal-UE.

6 Bil-għan li tiġi rrestawrata l-istabbiltà tas-settur finanzjarju, Ċipru jkompli bir-riforma u r-ristrutturar mill-qiegħ tas-settur bankarju u jsaħħaħ il-banek vijabbli billi jirrestawra l-kapital tagħhom, jindirizza s-sitwazzjoni tal-likwidità tagħhom u jsaħħaħ is-superviżjoni tagħhom. Il-programm jipprevedi dawn il-miżuri u riżultati:

(a) li jiġi żgurat li s-sitwazzjoni tal-likwidità tas-settur bankarju tiġi ssorveljata mill-qrib u li jittieħdu miżuri xierqa biex tinżamm il-likwidità fis-sistema skont ir-regoli tal-Ewrosistema. Ir-restrizzjonijiet temporanji li ġew imposti dan l-aħħar fuq il-moviment ħieles tal-kapital (fost affarijiet oħra, limiti fuq il-ġbid

ta’ flus kontanti, fuq il-ħlasijiet elettroniċi u fuq it-trasferimenti magħmula barra mill-pajjiż) se jiġu ssorveljati mill-qrib. L-għan ikun li l-kontrolli ma jibqgħux fis-seħħ lil hinn miż-żmien li fih ikunu strettament meħtieġa sabiex jipprevjenu riskji serji u immedjati għall-istabbiltà finanzjarja. Il-pjanijiet ta’ finanzjament u ta' kapital, fuq perijodu ta’ żmien medju, tal-banek lokali li jiddependu fuq il-finanzjament mingħand il-banek ċentrali jew li jirċievi l-għajnuna mill-Istat għandhom jirriflettu b’mod realistiku t-tnaqqis fl-ingranaġġ li hu antiċipat li jseħħ fis-settur bankarju, u jnaqqsu d-dipendenza fuq self minn banek ċentrali, filwaqt li jiġu evitati bejgħ bl-għaġġla tal-assi u kriżi tal-kreditu. Ir-regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi ta' likwidità se jiġu aġġornati biex fil-futur ma jkunx hemm konċentrazzjoni f’assi dominati mill-euro fil-futur;

(b) li ssir valutazzjoni indipendenti tal-assi tal-Bank of Cyprus u tas-Cyprus Popular Bank u li jiġu integrati malajr l-operazzjonijiet tas-Cyprus Popular Bank ma' dawk tal-Bank of Cyprus. Il-valutazzjoni trid isseħħ malajr sabiex il-partijiet relevanti tad-depożiti mhux assigurati fil-Bank of Cyprus ikunu jistgħu jiġu rilaxxati;

(c) li jiġu adottati r-rekwiżiti regolatorji meħtieġa rigward żieda fil-proporzjon minimu tal-adegwatezza kapitali ewlieni għal-livell minimu ċentrali 1 għal 9 % sal-aħħar tal-2013;

(d) li jittieħdu passi biex jiġi minimizzat il-kost tar-ristrutturar tal-banek għall-kontribwenti. L-istituzzjonijiet ta' kreditu kummerċjali u koperattivi sottokapitalizzati jgħollu, sal-ogħla livell possibbli, il-kapital minn sorsi privati, li jinkludu d-detenturi tal-ishma u l-kredituri tal-banek, iżda ma jkunux limitati għalihom biss, qabel ma jkunu awtorizzati miżuri ta' għajnuna mill-Istat. Kwalunkwe pjan ta' ristrutturar jew ta' riżoluzzjoni jiġi formalment approvat taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, qabel tiġi pprovduta tali għajnuna mill-Istat;

(e) li jiġi żgurat li jinħoloq reġistru ta’ kreditu, li l-qafas regolatorju kurrenti fuq proċessi ta’ self jiġi rivedut u emendat, jekk ikun hemm bżonn, u li tiġi adottata leġiżlazzjoni għat-tisħiħ tal-governanza ta’ banek kummerċjali;

(f) li tissaħħaħ il-governanza tal-banek, inkluż billi jiġi pprojbit is-self lil membri indipendenti tal-bord jew lil partijiet relatati magħhom;

(g) li jiġi mmassimizzat l-irkupru għal self mhux produttiv, filwaqt li jiġu minimizzati l-inċentivi għal inadempjenza strateġika minn min jissellef. Dan jinkludi t-tnaqqis ta' limitazzjonijiet fuq il-qbid ta’ kollateral u l-monitoraġġ xieraq u l-ġestjoni ta' self improduttiv. Il-Bank Ċentrali ta’ Ċipru se joħroġ gwida biex is-self kollu li jkun għadu ma tħallasx wara 90 jum jiġi kklassifikat bħala improduttiv;

(h) li jiġu allineati r-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet koperattivi ta’ kreditu ma' dawk tal-banek kummerċjali;

(i) li tiġi aċċertata l-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet kooperattivi ta’ kreditu u tiġi żviluppata, f’konsultazzjoni mal-Kummissjoni, li tinforma lill-BĊE u lill-FMI, strateġija għall-istruttura, il-funzjonament u l-vijabbiltà fil-ġejjieni tas-settur tal-istituzzjonijiet koperattivi ta’ kreditu. L-implimentazzjoni tal-istrateġija għandha titlesta sa nofs l-2015;

(j) li titkabbar il-monitoraġġ fuq id-djun tas-settur korporattiv u dak domestiku u li jiġi stabbilit qafas ta' ristrutturar immirat tas-settur privat; kif ukoll

(k) li jitkompla jittejjeb il-qafas ta' kontra l-ħasil ta' flus, u li tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-entitajiet, f'konformità mal-aħjar prassi.

7. Matul l-2013, l-awtoritajiet jimplimentaw b'mod rigoruż il-liġi tal-baġit tal-2013 b'miżuri permanenti addizzjonali ta' mill-inqas EUR 351 miljun (2.1 % tal-PGD). Ċipru jemenda l-liġi tal-baġit tal-2013 biex din tiġi tinkludi l-miżuri ta' konsolidament addizzjonali. Ċipru jadotta l-miżuri li ġejjin:

(a) Fuq in-naħa tan-nefqa, il-baġit għandu jinkludi, it-tnaqqis tan-nefqa fuq skemi ta' djar b'mill-inqas EUR 36 miljun u tnaqqis ulterjuri skalat tal-pagi tas-settur pubbliku, ir-razzjonalizzazzjoni ta' ċerti benefiċċji soċjali;

(b) Fuq in-naħa tad-dħul, il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu żidiet fit-taxxi fuq il-proprjetà, fir-rata statutorja tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv, fir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu mill-imgħax, fil-levy bankarja, u fil-ħlasijiet għal servizzi pubbliċi;

(c) Ċipru għandu jirriforma s-sistema tat-taxxa għal vetturi bil-mutur, abbażi ta' prinċipji ekoloġiċi u bil-għan li jkun hemm introjti addizzjonali;

(d) Ċipru għandu jintroduċi miżuri għall-kontroll tal-ispejjeż fuq is-saħħa u jtejjeb il-kosteffiċjenza fis-settur tal-kura tas-saħħa permezz tat-tisħiħ tal-effiċjenza tal-isptarijiet pubbliċi, tal-kompetittività u l-kosteffettività. Barra minn hekk, Ċipru għandu jintroduċi sistema ta' kopagamenti għal numru limitat ta' servizzi mediċi u ta' farmaċewtiċi; kif ukoll

(e) Ċipru għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' konsolidazzjoni adottati sa minn Diċembru 2012.

8. Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014:

(a) Fuq in-naħa tan-nefqa, il-baġit għandu jinkludi: tnaqqis fl-infiq totali għal trasferimenti soċjali permezz ta' immirar aħjar, liema miżura għandha trendi mill-inqas EUR 28.5 miljun; tnaqqis ulterjuri fil-pagi tas-settur pubbliku, u dak pubbliku usa'; l-introduzzjoni ta' tariffa imposta fuq il-karta tat-trasport pubbliku għal studenti u pensjonanti; kif ukoll miżuri għal riforma strutturali fis-settur edukattiv biex titnaqqas in-nefqa fuq il-pagi; kif ukoll

(b) Fuq in-naħa tal-introjti, il-baġit għall-2014 għandu jinkludi: estensjoni tal-kontribuzzjoni temporanja fuq il-qligħ gross ta' impjegati tas-settur pubbliku u dak privat sal-31 ta' Diċembru 2016; żidiet fil-VAT; żidiet fid-dazji tas-sisa; kif ukoll żieda fil-kontribuzzjonijiet għall-Iskema Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali.

9. Sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, Ċipru jimplimenta riformi fiskali-strutturali, li jinkludu, fost affarijiet oħra, dawn il-miżuri u riżultati:

(a) riformi fis-sistema tal-pensjonijiet ġenerali u dik tas-settur pubbliku sabiex is-sistema tal-pensjoni titqiegħed fuq it-triq tas-sostenibbiltà, filwaqt li tiġi indirizzata l-adegwatezza tal-pensjonijiet. Jekk meħtieġ, ir-riformi jiġu msaħħa aktar;

(b) jiġi kkontrollat it-tkabbir tan-nefqa fuq is-saħħa sabiex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-istruttura ta' finanzjament u l-effiċjenza tal-provvista ta' kura tas-saħħa pubblika;

(c) titjib fl-effiċjenza tal-infiq pubbliku u tal-proċess baġitarju permezz ta' qafas baġitarju effettiv għal perjodu ta' żmien medju bħala parti mill-ġestjoni mtejba tal-finanzi pubbliċi, konformi bis-sħiħ mad-Direttiva dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG);

(d) l-adozzjoni ta' qafas legali u istituzzjonali xieraq għal sħubiji pubbliċi privati mfassla b'mod konformi mal-aħjar prattiki;

(e) it-tfassil ta' programm biex tinkiseb sistema ta' governanza korporattiva solida għal intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat u semipubbliċi u l-bidu ta' pjan ta' privatizzazzjoni bħala għajnuna biex tittejjeb l-effiċjenza ekonomika u tiġi restawrata s-sostenibbiltà tad-dejn;

(f) it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjan komprensiv ta' riforma biex tittejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa u tal-amministrazzjoni, inklużi miżuri biex jiġu salvagwardjati l-applikabbiltà sħiħa u f'waqtha tal-liġijiet u l-istandards li jirregolaw il-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-taxxa u l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa;

(g) riforma fit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli;

(h) riforma tal-amministrazzjoni pubblika biex jittejbu t-tħaddim u l-kosteffettività tagħha, notevolment billi jiġi rivedut id-daqs, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni funzjonali tas-servizz pubbliku sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi tal-gvern u provvista ta' servizz ta' kwalità għall-popolazzjoni; kif ukoll

(i) riformi tal-istruttura ġenerali u l-livelli ta' benefiċċji soċjali, bil-għan li jsir użu effiċjenti tar-riżorsi u jinkiseb bilanċ xieraq bejn l-għajnuna soċjali u l-inċentivi biex wieħed jibda jaħdem.

10. Ċipru għandu jimplimenta riforma tas-sistema tal-indiċizzar tal-pagi, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, u konsistenti mal-għanijiet li tittejjeb il-kompetittività tal-ekonomija u li tirrifletti l-iżviluppi fil-produttività tax-xogħol. Ir-riforma ppjanata fl-assistenza pubblika għandha tiżgura li l-assistenza soċjali sservi bħala xibka ta' sikurezza biex jiġi żgurat dħul minimu għal dawk li mhux kapaċi jmantnu livell bażiku ta' għajxien, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-inċentivi biex wieħed jibda jaħdem. Kwalunkwe bidla fil-paga minima għandha tkun f'konformità ma' żviluppi ekonomiċi u fis-suq tax-xogħol, u wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali.

11. Ċipru jadotta l-emendi neċessarji li fadal għal leġiżlazzjoni speċifika għas-settur sabiex jimplimenta bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-Servizzi. Ostakli mhux ġustifikati fis-swieq tas-servizzi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' professjonijiet regolati jiġu eliminati. Il-qafas tal-kompetizzjoni jittejjeb billi jitjieb l-iffunzjonar tal-awtorità kompetenti għall-kompetizzjoni u billi jiġu msaħħa l-indipendenza u s-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

12 Sa tmiem l-2014, Ċipru jnaqqas għal inqas minn 2000, l-għadd ta' titoli ta' proprjetà li jkunu għadhom pendenti u għandu jimplimenta skedi garantiti ta' żmien għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-bini u ta' titoli tal-proprjetà.

13. Ċipru jemenda l-bejgħ sfurzat ta' proprjetà ipotekata u jippermetti l-bejgħ bl-irkant privat fl-aqsar perjodu ta' żmien possibbli, sa tmiem l-2013. Il-pass ta' ppproċessar ta'

każijiet fil-qorti għandu jitħaffef u l-ammont ta' kawżi pendenti fil-qorti għandu jkun eliminat sa tmiem il-programm.

14. Ċipru jieħu inizjattivi biex issaħħaħ il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu. Dawn l-inizjattivi jinkludu reviżjoni tal-Istrateġija tat-Turiżmu għall-2011-2015, ibbażata fuq studju dwar kif jista’ jittejjeb il-mudell tan-negozju tas-settur tat-turiżmu, kif ukoll analiżi bir-reqqa tal-aħjar mod sabiex tinkiseb biżżejjed konnettività bl-ajru għal Ċipru.

15. Fis-settur tal-enerġija, Ċipru għandu jittrasponi u jimplimenta bis-sħiħ it-tielet pakkett tal-enerġija. Barra minn hekk, għandu jitfassal pjan ta’ żvilupp komprensiv għall-irranġar mill-ġdid tas-settur tal-enerġija Ċiprijott. Il-pjan għandu jinkludi:

(a) pjan ta’ tnedija tal-infrastruttura meħtieġa għall-esplojtazzjoni tal-gass;

(b) il-punti prinċipali ta' reġim regolatorju u tal-organizzazzjoni tas-suq għas-settur tal-enerġija u l-esportazzjonijiet tal-gass; kif ukoll

(c) pjan biex jiġi stabbilit qafas istituzzjonali għall-ġestjoni ta’ riżorsi ta’ idrokarburi, inkluż fond għar-riżorsi, li għandu jirċievi u jiġġestixxi d-dħul pubbliku mill-isfruttament tal-gass lil hinn mill-kosta u li jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-aħjar prattiki rikonoxxuti internazzjonalment.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta’ Ċipru.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*